MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 1054/2006

**Vincent Parnis**

**Vs**

**Joseph Zahra u martu Carmen Zahra ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tal-attur li bih, ppremetta:

Illi in forza ta' skrittura privata datata 21 ta' Jannar, 2004 il-konvenut inghata b'titolu ta' lokazzjoni minghand l-attur, l-fond ossia garage bin-numru sebghin (70) ittra "I", Triq l-Imriehel, Birkirkara, u dan versu l-pattijiet u kundizzjonijiet riportati fl-istess skrittura hawn mehmuza.

Illi l-kera gravanti l-istess fond fl-ammont ta’ mitt lira Maltin (Lm100) fis-sena gravanti l-istess fond kellha tithallas kull tliet (3) xhur bil-quddiem, bir-rata ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) kull tliet xhur.

Illi l-konvenut huwa moruz fil-hlas ta’ zewg (2) skadenzi kera, u cioe` dawk li kienu dovuti fil-21 ta’ Lulju, 2006 u 21 ta’ Ottubru, 2006, liema arretrati ta’ kera jammontaw ghal hamsin lira Maltin (Lm50.00).

Illi ai termini tal-klawsola numru erbatax (14) tal-ftehim, f’kaz illi l-inkwilin jikser xi wahda mill-kundizzjonijiet li jkun intrabat bihom, allura s-sid ikollu d-drtit li jxolji dan il-ftehim u jirriprendi l-pussess tal-fond in kwistjoni.

Illi l-istess konvenut gie interpellat sabiex ihallas il-kera permezz ta’ zewg ittri rregistrati, datati 26 ta’ Settembru, 2006 u 23 ta’ Ottubru, 2006.

Illi fil-fehma tal-attur, il-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet tal-attur.

Talab illi din il-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Tordna lill-konvenuti sabiex jivvakaw il-fond lilhom mikri fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, stante morozita` fil-hlas ta’ zewg (2) skadenzi kera, u cioe` tal-21 ta’ Lulju, 2006 u tal-21 ta’ Ottubru, 2006 u dan in forza tal-klawsola numru erbatax (14) tal-iskrittura ta’ lokazzjoni datata 21 ta’ Jannar, 2004
3. Tordna lill-konvenuti jhallsu l-arretrati ta’ kera dovuti lill-attur ghall-perjodu mill-21 ta’ Lulju, 2006 fl-ammont ta’ hamsin lira Maltin (Lm50.00)

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni kontra taghhom tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tal-attur kif dedotta fic-citazzjoni kontra l-konvenuti, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------